MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2012

Rikors Numru. 172/2012

**Thebes Holdings Limited**
**vs**
**Printshop Limited**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors maghmul min Iprint Limited fl-atti ta’ dan il-mandat fejn din is-socjeta qed titlob it-thassir tal-imsemmi mandat a bazi tal-artikoli 836(1)(b) u (f) tal-Kap. 12 u dan peress li l-oggetti maqbuda f’dan il-mandat ma jappartjenux lis-socjeta Printshop Limited izda lis-socjeta Iprint Limited;

Rat ir-risposta Thebes Holdings Limited fejn eccepiet l-irritwalita tal-procedura peress illi l-artikoli msemmija mis-socjeta rikorrenti ma japplikax ghal kaz. Eccepiet ukoll it-talba kellha ssir permezz ta’ rikors guramentat u mhux rikors semplici kif fil-fatt sar. Finalment eccepiet illi fil-

mertu t-talba tas-socjeta rikorrenti hi frott raggir frawdolenti;

Rat li s-socjeta Printshop Limited giet notifikata fis-27 ta’ April 2012 ma ipprezentax risposta;

Rat l-atti u dokumenti kollha.

Din il-Qorti ser tissoferma ruhha fuq l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta Thebes Holdings Limited. L-artikolu 836(1) jaghti d-dritt ghal procedura invokata mis-socjeta rikorrenti lil persuna li kontra taghha jkun inhareg il-mandat. Il-ligi hi cara fuq dan il-punt jekk qed jigi invokat bhala bazi tal-procedura adoperata mis-socjeta rikorrenti dan l-artikolu. Is-socjeta rikorrenti mhix id-debitur u ghalhekk il-procedura uzata ma jistax jilhaq l-iskop mixtieq ghax mhix skond il-ligi.

In vista ta’ dan din il-Qorti ma tistax tmur oltre u tilqa’ l-eccezzjoni preliminari ta’ Thebes Holdings Limited u tichad it-talba tar-rikorrenti u tiddikjara irritwali l-procedura uzata mis-socjeta rikorrenti a bazi tal-artikolu 836(1), salv u impregudikati d-drittijiet tal-istess socjeta si et quatenus.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------